

31999R2335

4.11.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 281/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2335/1999**tat-3 ta' Novembru 1999****li jippreskrivi standards ta' marketing għal ħawħ u ċiprisk**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' frott u ħaxix⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

- (1) ħawħ u ċiprisk huma fost il-prodotti elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom għandhom ikunu adottati livelli; għandhom isiru ħafna emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3596/90 tat-12 ta' Diċembru 1990 li jippreskrivi livelli ta' kwalità għal ħawħ u ċiprisk⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 888/97⁽⁴⁾. Sabiex tkun żgurata ċarezza legali, r-Regolament (KEE) Nru 3596/90 għandu jkun imħassar u r-regoli ta' ġewwa fih impoġġija mill-ġdid. Għal dak il-għan u fl-interessi sabiex tkun miżmuma trasparenza fis-suq dinji, għandu jingħata każ tal-livell tal-ħawħ u ċipresk rakkommandat mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Konformità ta' Prodotti li Jittiekle u Żvilupp ta' Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (NU/KEE);
- (2) il-livelli għal ħawħ u ċipreski jipprovdu għal l-obbligazzjoni sabiex ikun hemm konformità ma' skala ta' daqs; skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1169/93⁽⁵⁾, daqs D hu awtorizzat biss matul il-perijodu mill-bidu tas-sena ta' *marketing* sat-30 ta' Ġunju sabiex varjetajiet bikrija ta' frott żgħir jitħalla jkunu *marketed* waqt li fl-istess ħin, ma jitħallewx ikunu *marketed* wara l-1 ta' Lulju ta' varjetajiet wahharija ta' ħawħ u ċiprisk ta' daqs D, li huma akbar meta jkunu misjura; m'hemmx bżonn li din ir-restrizzjoni tkun estiża aktar 'l hemm mill-perijodu ta' suq għal ħawħ u ċiprisk tal-Komunità;
- (3) is-suq ta' ħawħ u ċiprisk frisk, b'mod partikolari fil-fażi ta' l-immunt, jkun jiddependi ħafna fuq il-kwalità organoleptika ta' dawn il-prodotti, li tista' tvarja konsiderevolment. Id-ditta għandha għalhekk titħalla tindika fuq l-ippakkettjar il-valuri minimi u massimi għal kriterji ta' maturità essenzjali sabiex konsumaturi jkollhom libertà ta' għażla fix-xiri ta' frott ta' kwalità organoleptika ottimali;
- (4) l-applikar ta' dawn il-livelli għandu jagħmel li prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċjenti jitneħħew mis-suq, bil-produzzjoni ssir konformi mal-ħtiġijiet tal-konsumatur u

jkunu ffaċilitati relazzjonijiet ta' negozju bbażati fuq kompetizzjoni ġusta, b'hekk tkun meġhuna l-profittabilità ta' produzzjoni;

- (5) il-livelli japplikaw għall-fażijiet ta' suq kollha. Trasport ta' distanzi twal, ħażna għal ċertu perijodu u l-varji proċessi li l-prodotti jgħaddu minnhom jistgħu jikkawżaw alterazzjonijiet għall-iżvilupp bijoloġiku tal-prodotti jew għan-natura tagħhom li relattivament tispiċċa malajr. Għandu jingħata każ ta' tali deterjorazzjoni meta jkunu applikati l-livelli fil-fażijiet ta' suq li jsegwu d-dispaċċ. Minħabba li prodotti fil-klassi "Extra" għandhom ikunu mqassma u ppakkjati b'kura partikolari, għandu jingħata każ ta' nuqqas ta' freskezza u nfieħ biss fil-każ tagħhom;
- (6) il-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar Frott u Ħaxix,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-livelli ta' suq li għandhom x'jaqsmu ma' ħawħ u ċiprisk li huma skond il-kodiċi KN 0809 30 għandhom ikunu kif murija fl-Anness ma' dan.

Dan il-livell għandu japplika għall-fażijiet kollha ta' suq, skond il-kundizzjonijiet iddettati fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Iżda, ffazijiet ta' wara d-dispaċċ, il-prodotti jistgħu juru f'dak li għandu x'jaqsam mad- dispożizzjonijiet tal-livell:

- nuqqas żgħir ta' freskezza u nfieħ,
- għal prodotti kklassifikati f'klassijiet minbarra l-klassi "Extra", deterjorazzjoni żgħira minħabba l-iżvilupp tagħhom u t-tendenza tagħhom li jmorru malajr.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 3596/90 hu minn issa mneħħi.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara dik ta' dħul fis-seħħ tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80.

⁽³⁾ ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 38.

⁽⁴⁾ ĠU L 126, tas-17.5.1997, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 118, ta' l-14.5.1993, p. 22.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Novembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS

LIVELL TA' SUQ GĦAL ĦAWĦ U ĊIPRESK

I. DEFINIZZJONI TA' PRODOTT

Dan il-livell japplika għal ħawĦ u ċipresk ⁽¹⁾ mkabbra minn varjetajiet (kultivar) ta' *Prunus persica* Sieb. u Zucc., li għandhom jingħataw friski lill-konsumatur, ħawĦ u ċipresk għal ipproċessar industrijali jkunu esklużi.

II. DISPOSIZZJONIJET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' KWALITÀ

L-għan tal-livell hu sabiex jiddefinixxi l-ħtiġijiet ta' kwalità għal ħawĦ u ċipresk wara l-preparazzjoni u ppakkjar.

A. Ħtiġijiet minimi

Fil-klassijiet kollha, soġġetti għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, ħawĦ u ċipresk għandhom ikunu:

- intatti,
- ta' kwalità tajba; prodott affettwat mit-tħassir jew deterjorazzjoni sabiex ma jkunx tajjeb biex jittiekel hu eskluż,
- nodfa, prattikament mingħajr kull materja barranija li tidher,
- prattikament mingħajr parassiti,
- prattikament mingħajr ħsara kkawżata minn parassiti,
- mingħajr umdità minn barra mhux normali,
- mingħajr ebda riġa u/jew toġhma barranija.

ĦawĦ u ċipresk għandhom ikunu maqtugħa b'attenzjoni.

L-żvilupp u l-istat ta' saġran ta' ħawĦ u ċipresk għandhom ikunu tali sabiex ikunu jistgħu:

- jifilħu għat-trasport u l-immaniġjar, u
- jaslu f'kundizzjoni sodisfaċjenti fil-post ta' destinazzjoni.

B. Klassifikazzjoni

ĦawĦ u ċipresk huma kklassifikati fi tlett klassijiet kif imfissra taħt:

(i) Klassi "Extra"

ĦawĦ u ċipresk f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalita superjuri. Fil-forma, żvilupp u kulur għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà b'konsiderazzjoni għad-distrett li fih ikunu imkabbra. Għandhom ikunu mingħajr difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali żgħar ħafna, sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma ta' kwalità tiegħu w il-preżentazzjoni tiegħu fil-pakkett.

(ii) Klassi I

ĦawĦ u ċipresk f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà b'konsiderazzjoni għad-distrett li fih ikunu imkabbra. Iżda, difett żgħir fil-forma, żvilupp jew kulur jista' jitħalla.

Il-frotta għandha tkun bla mittiefsa.

ĦawĦ u ċipresk maqsuma minn fejn iz-zokk ikun magħqud mal-frotta għandhom ikunu mwarrba.

Difetti żgħar fil-qoxra, iżda, jistgħu jitħallew sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma ta' kwalità tiegħu w il-preżentazzjoni tiegħu fil-pakkett u li ma jaqbżux:

- 1 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,
- 0.5 ċm² f'żona totali għal difetti oħra.

⁽¹⁾ Dan it-test japplika għall-varjetajiet kollha mkabbra minn *Prunus persica* Sieb. u Zucc., kemm jekk inhuma ħawĦ jew ċipresk jew simili b'għadma fihom (ħawĦ Franċiż) jew mingħajr għadam u b'qoxra lixxa jew raffa.

(iii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi ħawħ u ċipresk li ma jikwalifikawx biex jidhllu fil-klassijiet oġhla, iżda li jissodisfaw il-ħtiġijiet minimi speċifikati fuq.

Il-frotta m'għandhiex ikollha difetti serji. Frott maqsum minn fejn iz-zokk ikun magħqud mal-frotta huma permessi biss b'konnessjoni ma' tolleranzi ta' kwalità.

Id-difetti segwenti fil-qoxra jistgħu jitħallew sakemm il-ħawħ u ċipresk ihommu il-karatteristiċi essenzjali tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalità, żamma ta' kwalità u preżentazzjoni u ma jaqbżux:

- 2 ċm fit-tul għal difetti ta' forma tawwalija,
- 1.5 ċm² f'żona totali għal difetti oħra.

III. DISPOSIZZJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit b':

- ċirkumferenza, jew
- dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali.

Ħawħ u ċipresk għandhom ikunu mqasma skond l-iskala segwenti:

Dijametru	Daqs (kodiċi)	ċirkumferenza
90 mm u 'l fuq	AAAA	28 cm u 'l fuq
80 mm u 'l fuq iżda taħt 90 mm	AAA	25 cm u 'l fuq iżda taħt 28 cm
73 mm u 'l fuq iżda taħt 80 mm	AA	23 cm u 'l fuq iżda taħt 25 cm
67 mm u 'l fuq iżda taħt 73 mm	A	21 cm u 'l fuq iżda taħt 23 cm
61 mm u 'l fuq iżda taħt 67 mm	B	19 cm u 'l fuq iżda taħt 21 cm
56 mm u 'l fuq iżda taħt 61 mm	C	17.5 cm u 'l fuq iżda taħt 19 cm
51 mm u 'l fuq iżda taħt 56 mm	D	16 cm u 'l fuq iżda taħt 17.5 cm

Id-daqs minimu permess għall-klassi "Extra" huwa ta' 17,5 ċm (ċirkumferenza) jew 56 mm (dijametru).

Daqs D (51 mm jew iżjed iżda inqas minn 56 mm ta' dijametru jew 16 ċm u iżjed iżda inqas minn 17,5 ċm ċirkumferenza) mhux permess fil-perijodu bejn l-1 ta' Lulju to l-31 ta' Ottubru.

Għandu jingħata daqs f'kull klassi.

IV. DISPOSIZZJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' TOLLERANZI

Tolleranzi f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalità u daqs għandu jkun permess f'kull pakkett għal prodott li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-klassi murija huma kif segwit:

A. **Tolleranzi fil-kwalità**(i) *Klassi "Extra"*

5 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċipresk li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi, iżda li jissodisfaw dawk ta' klassi I, jew, eċċezzjonalment, li huma skond it-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(ii) *Klassi I*

10 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċipresk li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi, iżda li jissodisfaw dawk ta' klassi II, jew, eċċezzjonalment, li huma skond it-tolleranzi għal dik il-klassi.

(iii) *Klassi II*

10 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċipresk li ma jissodisfawx la l-ħtiġijiet tal-klassi u lanqas il-ħtiġijiet minimi, b'l-eċċezzjoni ta' frott li qed jidher, imbenġel sew jew kull deterjorazzjoni oħra li tagħmlu mhux tajjeb għall-kunsum.

B. Tolleranzi fid-daqs

Għall-klassijiet kollha, 10 % tan-numru jew piż ta' ħawħ jew ċiprisk sa mhux aktar minn 1 ċm aktar jew inqas mid-daqs iddikjarat fuq il-pakkett fil-każ ta' kejl b'ċirkomferenza u sa mhux aktar minn 3mm aktar jew anqas fil-każ ta' kejl b'dijametru. Iżda, għal frott fl-iżgħar daqs, din it-tolleranza għandha tapplika biss għal ħawħ jew ċiprosk ta' daqs iżgħar b'mhux aktar minn 6mm (ċirkumferenza) jew 2mm (dijametru) mid-daqs minimu speċifikat.

V. DISPOSIZZJONIJET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' PREŻENTAZZJONI**A. Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fin biss ħawħ jew ċiprisk ta' l-istess oriġini, varjetà, kwalità, grad ta' sajran u daqs, u għall-klassi "Extra", il-kontenut għandu jkun uniformi fil-kulur.

Il-parti li tidher tal-kontenut ta' kull pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

B. Ippakkettjar

Il-ħawħ u ċiprisk għandhom ikunu ppakkjati b'tali mod li jipproteġi l-prodott b'mod xieraq.

Il-materjali wżati għewwa l-pakkett għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' kwalità sabiex ikun evitat li jikkawża ħsara esterni jew interni għall-prodott. L-użu ta' materjali, partikolarment ta' karta jew timbri li juru speċifikazzjonijiet ta' negozju hu permess sakemm l-istampar jew tikkettjar jkun sar b'inka jew kolla mhux tossika

Pakketti għandhom ikunu mingħajr kull materjal barrani.

Ċ. Preżentazzjoni

Il-ħawħ u ċiprisk għandhom ikunu ppreżentati:

- f'pakketti ta' wieħed iżgħar,
- ffaxx wieħed, fil-każ ta' klassi "Extra"; kull frotta ndividwali f'din il-klassi għandha tkun isseparata minn dawk ta' madwarha.

Fi klassijiet I u II:

- ffaxx wieħed jew tnejn, jew
- f'mhux aktar minn erba' safef meta l-frott ikun mqiegħed f'riċipjenti riġidi rranġati b'tali mod li ma jserrħux fuq il-bqija tal-frott fil-faxx immedjat ta' taħtom.

VI. DISPOSIZZJONIJET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' MMARKAR

Kull pakkett għandu juri d-dettalji segwenti fittri ggruppjati fuq l-istess naħa, immarkati b'mod li jinqraw u li ma jittieklex u li jidhru minn barra:

A. Identifikazzjoni

"Min ippakkja u/jew min bagħat il-pakkett": isem u ndirizz jew kodiċi maħruġa b'mod uffiċjali jew aċċettata. Iżda, fil-każ fejn tkun wżata kodiċi ta' marka, r-riferenza "Min ippakkja u/jew min bagħat il-pakkett" (jew abbrevjazzjonijiet ekwivalenti) għandha tkun murija b'konnessjoni mill-qrib mal-kodiċi ta' marka.

B. Natura tal-prodott

- "ħawħ" jew "ċiprisk", jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra,
- isem tal-varjetà għal klassijiet "Extra" u I.

Ċ. Oriġini tal-prodott

Pajjiż ta' oriġini u, tista' tagħżlu jew le, d-distrett fejn imkabbar, jew isem nazzjonali, reġjonali jew tal-post lokali.

D. Speċifikazzjonijiet Kummerċjali

- klassi,
- daqs imfissra f'dijometri minimi u massimi jew ċirkumferenzi minimi u massimi jew skond il-kodiċi preskritta fit-Taqsima III "Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' daqs",
- numru ta' unità (tista' tagħżlu jew le),
- kontenut minimu ta' zokkor, imkejjejl b'refrattrometru u mfisser fi gradi ta' Brix (tista' tagħżlu jew le),
- fermezza massima, mkejjejl b'penetrometer u mfissra f' kg/0,5 ċm² (tista' tagħżilha jew le),

E. Marka ta' kontroll uffiċjali (tista' tagħżilha jew le).